Mellieħa

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**
126, Triq il-Mitħna l-Ġdida,
Mellieħa

IS-SEBA' KUNSILL

11 ta' Awwissu 2016

**Il-Wieħed u Sittin Seduta tas-Seba' Kunsill Lokali Mellieħa se ssir nhar it-Tlieta 16 ta' Awwissu 2016 fis-7.00pm, fl-indirizz t'hawn fuq.**

## AĠENDA

1. Qari u korrezzjoni tal-minuti
2. Materji mqajma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Skedi ta' Xiri u Ħlasijiet
5. Sejħa għall-offerti Nru. 8/2016 - Iddisinjar, Tqassim u Stampar tan-*Newslette*r tal-Kunsill flimkien mal-Magazin għat-Tfal u Servizz ta' Illegar ta' Dokumenti
6. Użu tal-*Bring-In Sites*
7. Arranġamenti tat-traffiku fil-Manikata
8. Tħejjijiet għall-proġett – *Small Markets at the Heart of the European Economy*
9. Ittra ta' Direzzjoni (*Management Letter*) – Sena Finanzjarja 2015
10. Innu tal-Mellieħa
11. Titjib fit-taraġ bejn Triq il-Marfa u Triq Dun Franġisk Sciberras

Materji oħra

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

**MOZZJONI**

5. **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku C. Bartolo illi tgħid:**

*"Billi skada l-kuntratt li jipprovdi għall-istampar tal-magazin li jippubblika l-Kunsill minn żmien għal żmien, mal-kuntrattur Gutenberg Press Ltd, skada;*

*Billi saret sejħa għall-offerti (Nru. 8/2016) skont l-artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993, sabiex jingħata servizz ta' iddisinjar, setting u stampar tan-newsletter "Mill-Qiegħa" flimkien mal-magazin għat-tfal, kif ukoll dwar illegar ta' dokumenti;*

*Billi l-ispiża konnessa ma' dan ix-xogħol hemm provdut għaliha fl-estimi tas-sena finanzjarja 2016, taħt il-kont Nru. 2970; u*

*Billi fis-Seduta Nru. 60 tal-25 ta' Lulju, saret rakkomandazzjoni li l-kuntratt jingħata lill-Salander Group Ltd, sakemm id-dokumentazzjoni kollha mitluba fid-dokument tal-offerta tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-istess dokument;*

*Jirriżolvi illi għanda tintbagħat ittra ta' aċċettazzjoni lid-ditta msemmija, skont il-prezzijiet mogħtija fil-bill or quantities anness mad-dokument ta' l-offerta, bil-għan li jiġi iffirmat kuntratt ta` tliet snin, b'effett mill-1 ta' Ottubru 2016 sabiex jiġi pprovdut is-servizz in kwistjoni.".* *(P/3/2/Vol IV)*

**Clayton Bartolo**
**Proponent**

**Emvin Bartolo**
**Sekondant**